MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI)
# MALTA

## MAGISTRAT DR.
## MONTEBELLO DENNIS B.A., LL.D.

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2002

Avviz Numru. 536/2002

**Rikors numru 536/02DM**

**Panta Computer Company Limited**

**Vs**

**Millenium Enterprises Limited**

Il-Qorti

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenuti ghal hlas tas-somma ta' tlett elef hames mija u tmienja u sittin lira Maltin u zewg centezmi (Lm3,568.02) ammont dovut minnhom lill-kumpanija attrici wara bejgh u konsenja ta' computers.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali ta’ Gunju 2002 u tal-mandat ta’ qbid u ta’ sekwestru digia prezentati u bl-imghaxijiet bil-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati ma dehrux biex jikkontestaw it-talba attrici u lanqas ma deher xi rapprezentant tal-kumpanija konvenuta biex jirrispondu ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti qieghdha tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi s-somma mitluba ta’ tlett elef hames mija u tmienja u sittin lira Maltin u zewg centezmi (Lm3568.02), ghar-ragunijiet indikati fl- avviz bl-imghaxijiet legali b’effett mil-1 ta’ Lulju 2002;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

Magt Dr D. Montebello BA LLD

Sandra Farrugia
Dep Reg
Civ A

.